# L-Aċċidenti tat-Traffiku: K2/2024

**NR 145/2024** **Data tal-Ħruġ: 07 ta' Awwissu 2024**

***Matul it-tieni kwart tal-2024 l-aċċidenti tat-traffiku żdiedu, filwaqt li l-persuni midrubin fihom naqsu meta mqabblin mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel. Kien hemm tlett imwiet fl-aċċidenti tat-traffiku.***



L-għadd ta' aċċidenti tat-traffiku rrappurtati tul it-tieni kwart tal-2024 laħaq l-4,436, li huwa żieda ta' 4.0 fil-mija fuq l-istess żmien tal-2023. L-akbar numru ta' aċċidenti kienu rreġistrati fid-distrett tat-Tramuntana tal-Port b'1,520 każ jew 34.3 fil-mija tal-aċċidenti kollha (Tabella nru 1).

It-tidrib fl-aċċidenti tat-traffiku naqas b'7.9 fil-mija sabiex niżel għal 409 meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023. Il-persuni midrubin gravi ammontaw għal 102 u kienu magħmulin minn 64 sewwieq, tmien passiġġieri u 30 persuna miexja/bir-rota/oħrajn. Il-ġrieħi mġarrba minn żewġ sewwieqa u persuna miexja kienu fatali (Tabelli nri 4-6). B'hekk, l-għadd ta' mwiet fl-aċċidenti tat-traffiku naqas b'wieħed fuq l-istess perjodu tal-2023 (Ċart nru 1).

L-akbar għadd ta' dawk li ndarbu gravi kienu rġiel (72.5 fil-mija). Barra minn hekk, it-tliet persuni li mietu fit-traffiku kienu rġiel. 36.9 fil-mija tat-tidrib kien jinvolvi persuni ta' bejn is-26 u l-40 sena (Ċart nru 2 u Tabella nru 5).

## Ċart nru 1. L-aċċidenti tat-traffiku u l-imwiet, biż-żmien




L-akbar għadd ta' tidrib mill-aċċidenti tat-traffiku (47.9 fil-mija) kien jinvolvi karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom, ġew dawk li kienu jinvolvu l-muturi (37.9 fil-mija) u l-vetturi tal-ġarr tal-merkanzija (8.1 fil-mija). Il-fatalitajiet li ġraw fit-traffiku involvew żewġ sewwieqa li ħabtu ma' proprjetà u persuna miexja li ntlaqtet minn vettura. L-għadd ta' ċiklisti li kienu involuti f'aċċidenti tat-traffiku laħaq it-12, b'erbgħa minnhom iġarrbu ġrieħi gravi, sitta ndarbu ħafif u tnejn ġarrbu ġrieħi insinifikanti (Tabelli nri 6 u 7). It-tidrib ikkaġunat minn ħbit bejn vetturi kien jifforma l-akbar numru ta' tidrib b'65.5 fil-mija tat-tidrib kollu li ġara f'dawn l-aċċidenti tat-traffiku (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta' tidrib mill-aċċidenti tat-traffiku ġara fil-jum tal-Ġimgħa b'76 tidriba, filwaqt li l-akbar għadd ta' aċċidenti ġara fil-jum tat-Tlieta b'752 każ jew 17.0 fil-mija tat-total (Tabella nru 8). Il-maġġoranza tal-aċċidenti tat-traffiku seħħew fil-ħin ta' bejn nofsinhar u t-tlieta (12:00-14:59) b'971 każ jew 21.9 fil-mija tat-total; segwiti minn dawk li ġraw bejn id-disgħa u nofsinhar (09:00-11:59) b'933 każ. L-inqas għadd ta' aċċidenti ġraw bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu (03:00-05:59) b'55 każ (Tabella nru 9).

L-ogħla inċidenza ta' aċċidenti tat-traffiku kienet irreġistrata f'Birkirkara b'294 każ, segwita minn Ħal Qormi u San Pawl il-Baħar, b'222 u b'218-il każ rispettivament (Tabella nru 10, Mappa nru 1 u Ċart nru 5).

San Lawrenz, L-Għasri u Ta' Kerċem irreġistraw anqas minn ħames aċċidenti tat-traffiku. (Mappa nru 1 u Tabella nru 10).

## Mappa nru 1. L-aċċidenti tat-traffiku bil-lokalità: April-Ġunju 2024




Mqabblin mal-istess żmien tas-sena ta' qabel, id-distretti kollha rrapurtaw żieda fl-aċċidenti tat-traffiku barra mid-distrett tat-Tramuntana tal-Port, li rrapporta tnaqqis marġinali. Id-distrett ta' Għawdex u Kemmuna rreġistra l-ogħla żieda fil-persentaġġ tal-aċċidenti tat-traffiku bi 23.0 fil-mija, filwaqt li d-distrett tal-Punent irreġistra l-iżgħar żieda fil-persentaġġ bi 3.0 fil-mija (Tabella nru 1 u Mappa nru 2).

## Mappa nru 2. It-tibdil perċentwali fl-aċċidenti tat-traffiku bid-distrett: April-Ġunju 2024/2023

